# Il-Pjan Pastorali tal-Arċidjoċesi ta’ Toronto

Lill-Fidili tal-Arċidjoċesi ta’ Toronto:



Dan is-sommarju tal-Pjan Pastorali tal-Arċidjoċesi ta’ Toronto joffrilna l-opporunità li nirriflettu fit-talb dwar kif Ġesù jitlobna ngħixu bħala d-dixxiplini Tiegħu.

Il-Pjan Pastorali tagħna huwa mibni fuq it-talb, il-pedament tal-isforzi tagħna.

Il-missjoni tagħna għandha żewġ għanijiet. Il-missjoni pastorali tagħna  (ġewwiena) hija li niżviluppaw u nsaħħu l-esperjenza tal-fidi tal-Kattoliċi kommessi, billi nimxu fuq il-mudell ta' San Pietru, li lilu Ġesù qal:  “Itma' lin-nagħaġ tiegħi.” Il-missjoni appostolika tagħna (lejn ħaddieħor) hija li nħabbru l-Evanġelu, kemm lill-fidili kif ukoll lil dawk barra mill-Knisja. Il-mudell għal din il-ħidma huwa San Pawl, li iltaqa’ l-ewwel darba ma’ Ġesù permezz tal-konverżjoni u imbagħad ipproklamaH madwar id-dinja.

Il-Pjan Pastorali tagħna jistieden lil kull Kattoliku fl-arċidjoċesi biex jirrifletti dwar l-irwol tagħna li nieħdu ħsiebu l-ħafna doni ta’ Alla, billi jsejħilna għall-konverżjoni profonda interna li twassalna lejn spirtu ta' ġenerożità, li hija murija l-aktar fil-qsim taż-żmien u t-talenti ma' ħaddieħor. Aħna ngħixu kull mument fi spirtu ta' gratitudni, billi nsibu toroq li għandna nużaw b'mod li jħalli l-frott, dak kollu li ngħatalna, fis-servizz ta' Alla u tal-ġar.

Aħna nafu bit-trufijiet li jridu jintisġu matul il-pjan pastorali. Biex ix-xogħol tagħna ikun effettiv irridu nassiguraw li aħna: ninvolvu lill-familja, speċjalment liż-żgħażagħ; li niċċelebraw id-diversità kulturali tagħna; li nużaw ir-riżorsi bil-għaqal; u li nikkkomunikaw b’mod effettiv.

Dan is-sommarju huwa bbażat fuq l-immaġini biblika tad-dielja (Ġesù) u l-friegħi (il-poplu tiegħu). Ħames prijorita-jiet ewlenin jiggwidawna fil-vjaġġ tagħna.

Nistedinkom li issiru tafu aktar dwar “il-pjan” tagħna għall-vjaġġ tagħna billi żżuru l-ispazju speċjali fuq l-internet www.archtoronto.org/pastoral biex taċċessjaw il-pjan pastorali komplet flimkien ma’ riżorsi u għodod oħra għal riflessjoni.

Jien grat ħafna għall-irwol li intom għandkom fit-tisħiħ tal-komunità tagħna. Nassigurakom mit-talb tiegħi hekk kif naħdmu flimkien fil-għalqa tal-Mulej.

Tagħkom fi Kristu,

Thomas Cardinal Collins
Arċisqof ta’ Toronto

# Ħames Direzzjonijiet Ewlenin

## Il-Ħajja Parrokjali

*Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom... – Atti 2:44*





Il-parroċċi tagħna huma d-djar spiritwali fejn ninġabru flimkien biex niltaqgħu ma' Ġesù.  Il-pjan tagħna huwa li nagħmlu l-225 parroċċa tagħna postijiet ta' qima u ospitalità, kemm għal dawk li jkunu magħna kull ġimgħa kif ukoll għal dawk li jirritornaw lejn djarhom wara bosta snin. Aħna nħejju ruħna sewwa kull ġimgħa biex niċċelebraw is-sagramenti u ninkoraġġixxu parteċipazzjoni attenta u attiva minn kulħadd. Aħna nappoġġaw lis-saċerdoti u d-djakni tagħna hekk kif huma jmexxu, u meta mitluba li ngħinu, aħna nwieġbu. Aħna ninsabu kollha flimkien. Huwa importanti li niċċelebraw dawk il-ħafna parroċċi li diġà huma mdaħħla f'ministeri ta' servizz u programmi li jappoġġaw lill-familja, il-knisja domestika.  Aħna nistgħu nitgħallmu mill-eżempju sabiħ tagħhom. Żuru www.archtoronto.org/parishlife biex taraw it-tmien għanijiet assoċjati mal-"Ħajja Parrokkjali".

## Il-Vokazzjonijiet

*"Ejjew warajja," qal Ġesù, "u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin." U minnufih telqu d-dgħajsa u lil missierhom, u marru warajh.*
*– Mattew 4:19-20*





Alla qiegħed jitlob lil kull wieħed minna biex "nitfgħu x-xbieki" u niskopru lejn fejn Hu qed imexxina. Aħna neħtieġu saċerdoti biex imexxu l-parroċċi tal-arċi djoċesi, djakni biex jassistuhom, lajċi kwalifikati biex jappoġġaw lid-diversi ministeri u lill-komunitajiet reliġjużi li qed jikbru. Kull Kattoliku u Kattolika jistgħu jkunu avukati tal-vokazzjonijiet, permezz tat-talb, inkoraġġiment u stedina.  Aħna nagħrfu l-ħtieġa li nintegraw il-programm formali tagħna ta' formazzjoni għall-ministeru biex nassiguraw li jkunu effettivi. Ma nistgħux ninsew lis-saċerdoti li servewna fedelment matul is-snin, billi nassiguraw li jittieħed ħsieb tagħhom matul l-irtirar. Flimkien, nistgħu niżirgħu kultura ta' vokazzjonijiet fl-arċidjoċesi tagħna. Żuru www.archtoronto.org/vocations biex taraw s-sitt għanijiet marbuta mal-"Vokazzjonijiet".

## L-Evanġelizzazzjoni tas-Soċjetà

*Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu.*
*– Mark 16:15*




L-"Evanġelizzazzjoni l-Ġdida", biex ngħidulha hekk, qed tapprezza l-ferħ li ġġibilna l-fidi fi Kristu u meta naqsmuha ma' ħaddieħor. Aħna naħdmu biex nassiguraw li l-leħen tal-fidi jinstema' fil-pjazza pubblika. Aħna nemmnu li d-dinja llum teħtieġ il-vanġelu proklamat aktar minn qatt qabel.  Prattikament, aħna neħtieġu li nsaħħu ix-xhieda pubblika tagħna, u biex nipprovdu vuċijiet Kattoliċi nfurmati billi naħdmu mal-iskejjel, universitajiet u istituzzjonijiet oħrajn. Aħna għandna nutilizzaw t-teknoloġija moderna biex nipparteċipaw fid-djalogu, permezz tal-midja reliġjuża u sekulari, nużaw l-midja soċjali u għodod oħra biex nqajmu l-vanġelu u nipprovdu strumenti b'saħħithom ta' evanġelizzazzjoni madwar l-arċidjoċesi. Żuru www.archtoronto.org/evangelize biex taraw l-ħames għanijiet assoċjati mal-"Evanġelizzazzjoni tas-Soċjetà"




## Servizz Kattoliku għall-Ġustizzja u l-Imħabba

*L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani, biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qalb miksura; biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs. – Iżaija 61:1*





Il-pjan pastorali tagħna jisfidana biex inkunu xhieda u nservu b'modi diversi u biex inkunu avukati fejn ikun hemm l-inġustizzja: permezz ta' kura pastorali lil dawk li huma fqar  u emarġinati, lill-istudenti fil-kampus, lil dawk li hum affil-ħabs, jfittxu rifuġju jew qed ibati fiżikament jew spiritwalment.  Aħna nistgħu nagħmlu dan kollu billi naħdmu fil-parroċċi tagħna, fil-movimenti tal-lajċi, fl-istituzzjonijiet Kattoliċi, fiċ-chaplaincies u fis-servizz pastiorali varji. Aħna ninsabu grati għax-xogħol tajjeb li jsir permezz tal-Karitajiet Kattoliċi u ShareLife, iżda jeħtieġ li nagħmlu aktar. Nisimgħu dan il-kliem fil-Quddiesa: "Morru fil-paċi, igglorifikaw lill-Mulej bil-ħajja tagħkom". Kif nistgħu nkunu idejn u wiċċ Ġesù fil-komunità tagħna? Żuru www.archtoronto.org/outreach biex taraw l-erba' għanijiet assoċjati mas-"Servizz Kattoliku għall-Ġustizzja u l-Imħabba".



## Il-Katidral bħala Sinjal tal-Missjoni Tagħna

*Fih intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla. – Efesin 2: 20-22*

IL-Katidral ta' San Mikiel, il-knisja omm tal-arċidjoċesi u, Ll permezz tal-ministeru tal-arċisqof, tgħaqqad kull Kattoliku lokali taħt il-partoċinju fis-sema tad-difensur kbir tal-fidili, l-arkanġlu Mikiel. Bħala l-prototip tal-ħajja parrokjali, il-katidral jmexxi t-triq fil-ħarsien pastorali u bħala xhieda pubblika.  Ix-xogħol li qed isir ta' manutensjoni u tiswija tal-katidral ser ikompli.  Għandna ukoll pjani eċċitanti biex niżviluppaw iż-żona qrib il-katidral – il-"Blokk tal-Katidral" – f'post ta' ġabra, qima u servizz permezz tas-St. Michael's Choir School, spazju ta' servizz lill-fqar, u ċentru għal-laqgħat u tagħlim, kif ukoll biex biex jipprovdi opportunitajiet biex ninvolvu lid-dinja permezz tal-midja u l-arti. F'belt ta' kulturi diversi u preżenza tal-midja li dejjem tikber, il-Knisja Kattoliku trid ssir il-bieb prinċipali ta' fidi u evanġelizzazzjoni. Żuru www.archtoronto.org/cathedral biex taraw l-erba' għanijiet assoċjati mal-"Kattidral bħala Sinjal tal-Missjoni tagħna".

www.archtoronto.org

## It-Tkomplija tal-Konverżjoni

Aħna eċitati li ninvolvukom fil-pjan pastorali tagħna. Żuruna bl-internet biex taraw "il-pjan" komplet flimkien ma' għadd ta' għodod oħrajn  biex tgħinuna fil-vjaġġ tagħna. Diġà għandna affarijiet sbieħ li qed jiġru fil-knejjes tagħna – aħna rridu li niċċelebraw u nibnu fuq dak il-pedament, għax nagħrfu li hemm ħafna aktar x'jista' jsir. Hawn għandek kif tista' tgħin:

a) involvi ruħek fil-parroċċa tiegħek – servi fuq l-altar tal-Mulej jew fil-kunsill parrokjali, kun lettur, membru tal-kor jew mur żur id-djar. Ninkoraġġixxu kull Kattolikuu Kattolika biex jaraw kif jistgħu jgħinu lokalment.

b) Żur www.archtoronto.org/pastoral u agħti l-kummenti tiegħek dwar il-pjan pastorali. Kif tarah jiżvolġi fil-ħajja tiegħek? X'qed tagħmel tajjeb il-parroċċa tiegħek? Fejn trid taħdem aktar biex ittejjeb is-servizz?

c) It-talb – nitolbu kull Kattoliku u Kattolika fl-arċidjoċesi biex joffru talb għall-poplu t'Alla li jaħdmu kuljum  fl-għalqa tal-Mulej. Niddependu fuq xulxin biex nappoġġaw spiritwalment il-pjan pastorali u ngħinu fl-għarfien tal-passi 'il quddiem, kemm lokalment kif ukoll fl-arċidjoeċsi. Aħna nafdaw dan il-pjan f'Marija, Omm Allla, u nitolbuha biex titlob sabiex inkunu dixxipli fidili ta' Ġesù.

twitter.com/archtoronto

facebook.com/archtoronto

# Il-Pjan Pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Toronto

Il-friegħi ewlenin tal-pjan pastorali tagħna ser jippromwovu l-għanijiet tagħna ta' ħarsien u servizz lill-komunità. Hekk kif aħna nirriflettu fuq dawn l-għanijiet, it-talba tagħna huwa li dan il-pjan ikun ta' benefiċju tal-ħajja ta' kull Kattoliku u Kattolika fl-arċidjoesi tagħna.





## Il-Ħajja Parrokkjali

*Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda,u kienu jaqsmu kollox bejniethom…*
*– Atti 2:22*

(i) Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkarestija tal-Ħadd bil-parteċipazzjoni sħiħa, konxja u attiva tal-fidili
(ii) Opportunitajiet għat-talb, għall-formazzjoni spiritwali u għat-titjib
(iii) Ħajja komunali fil-parroċċa li toffri merħba, ospitalità u servizz
(iv) Tmexxija pastorali b'saħħitha fil-parroċċa li tippromwovi rwoli diversi u kollaborattivi ta' servizz pastorali
(v) Tmexxija pastorali effettiva – strutturi u kumitati fil-parroċċa li jippromwovu amministrazzjoni tajba u li jassiguraw ir-responsabbiltà
(vi) Sostenn lill-familja, il-knisja domestika
(vii) Impenn lejn evanġelizzazzjoni imġedda – katekeżi u formazzjoni fil-fidi
(viii) Xhieda b'saħħitha għal missjoni apostolika – ministeri ta' servizz u servizz





## Il-Vokazzjonijiet

*"Ejjew warajja," qal Ġesù, "u jien nagħmilkom sajjieda tlal-bnedmin." U minnufih ħallew ix-xbieki u marru warajh. – Mattew 4:19-20*

(i) Talb għall-vokazzjonijiet
(ii) Trawwim tal- vokazzjonijiet għall-ministeri ordnati u għall-ħajja reliġjuża
(iii) Il-promozzjoni tal-irwoli ta' ministeri pastorali lajċi fil-parroċċi u fl-uffiċċji arċidjoċesani
(iv) Integrazzjoni ta'  programm ta' dixxerniment u formazzjoni għal ministeri ordnati fis-Seminarju Santu Wistin
(v) Tisħiħ tal-programmi ta' formazzjoni u taħriġ għal-lajċi
(vi) Assigurazzjoni dwar  formazzjoni għall-mexxejja pastorali permezz ta' programm għall-kleru u l-lajċi





## L-Evanġelizzazzjoni tas-Soċjetà

*Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu. – Mark 16:15*

(i) Kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet akkademiċi Kattoliċi biex tissaħħaħ ix-xhieda intellettwali tal-Knisja fil-kultura tagħna
(ii) Sħubija dejjem sejra bejn l-arċidjoċesi, il-parroċċi, l-iskejjel Kattoliċi tagħna ffinanzjati mill-pubbliku u l-istudenti li jattendu skejjel sekulari
(iii) Kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet akkademiċi Kattoliċi biex ikunu promossi l-edukazzjoni, il-katekeżi u l-formazzjoni fil-fidi u fil-qdusija għal dawk fl-oqsma kollha tas-soċjetà
(iv) Kollaborazzjoni  mal-midja u l-aġenziji  ta' komunikazzjoni Kattoliċi biex tkun involuta il-kultura permezz ta' inizjattivi fil-midja u dawk ta' komunikazzjoni soċjali
(v) Kollaborazzjoni fl-iżvilupp tal-formazzjoni u tat-taħriġ għal dawk imdaħħla fl-appostolat intellettwali, fil-mezzi ta' komunikazzjoni u fil-midja



## Servizz Kattoliku għall-Ġustizzja u l-Imħabba

*L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani, biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qalb miksura; biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs. – Iżaija 61:1*

(i) Assigurazzjoni ta' inizjattivi effettivi ta' servizz ta' ġustizzja u imħabba permezz tal-karitajiet kattoliċi
(ii) Għoti ta' servizzi pastorali effettivi, ministeri tas-saċerdoti u kura pastorali
(iii) Il-promozzjoni ta' ħidma qawwija effettiva favur il-ġustizzja soċjali
(iv) It-tisħiħ ta l-inizjattivi ta' servizz fil-parroċċi permezz ta' kollaborazzjoni akbar mal-arċidjoċesi



## Il-Katidral bħala Sinjal tal-Missjoni tagħna

*Fih intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla. – Efesin 2: 20-22*

(i) Ir-restawr u t-tisbiħ tas-sbuħija arkitettonika tal-Kattidral ta' San Mikiel
(ii) L-iżvilupp tal-katidral u tal-blokk tal-katidral f'post ta' ġabra, qima u servizz
(iii) Kollaborazzjoni mal-bord tal-iskola tal-Knisja & u mas-St. Michael's Choir School
(iv) L-għoti ta-ħajja lill-katidral u tal-blokk tal-katidral bħala ċentru ta' evanġelizzazzjoni



**Mitluf fit-talb……**

Il-Missjoni Pastorali tagħna ⟷ Il-Missjoni Apostolika tagħna

| Il-Ħajja Parrokjali | Il-Vokazzjonijiet | Servizz Kattolliku għall-ġustizzja u fl-imħabba | L-Evanġelizzazzjoni tas-soċjetà | Il-Katidral bħala sinjal tal-missjoni tagħna |
|---|---|---|---|---|

Involviment tal-familja, speċjalment liż-żgħażagħ

Ċelebrazzjoni tad-diversità kulturali tagħna

L-użu tar-riżorsi bil-għaqal

Komunikazzjoni effettiva

**...Lejn tmexxija soda**